MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru 535/1999

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**
(Spettur Stephen J. Gatt)
**vs**
**Stanley Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stanley Chircop ta' 29 sena iben Joseph u Filippa Spiteri imwieled Attard fis-27 ta' Frar 1970 u joqghod Monrev, Triq il-Velleran, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita numru 143370(m),

Talli fil-lejl bejn it-28 ta' Lulju 1999 u id-29 ta' Lulju 1999 gewwa Paceville, San Giljan;

a) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Silje Auestad Andreasson minn Norvegja, f'periklu car, ikkagunalha offiza gravi kif iccertifika Dr. Briffa M.D. tac-Centru tas-Sahha Gzira, liema offizi gravi jistghu igibu periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc jew iggib marda tal-mohh jew gisem li jdum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiz milli imur ghax-xoghol tieghu;

b) Ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq persuna ta' Silje Auestad Andreasson minn Norvegja kif iccertifika Dr.Briffa M.D. tac-Centru tas-Sahha Gzira;

c) Ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta''Silje Auestad Andreasson sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jghamillha hsara;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat quddiem din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati tar-reat u kontravenzjoni imsemmija fl-Artikoli 221 (1) u 339 (d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli 221 (1), 339 (d) u 17(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 22 tal-kap 446 ta' l-istess Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu stante li l-hati ghandu kondotta nadifa u qed jaghmel program mas-Sedqa li fih sejjer tajjeb. Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m'illum u jissokta fil-program imsemmi.

Il-Qorti qed tfisser l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------